*It-Torċa* - Is-Sibt 20 ta' Diċembru 2008

# Bla quddiesa għax hekk ftiehmu l-kappillani

**Roberto Debrincat**

Dawk il-kappillani u l-arċiprieti li ma jagħmlux distinzjoni bejn trabi mwielda fiż-żwieġ u dawk imwielda minn ġenituri separati li qegħdin f'relazzjoni oħra, skont riżoluzzjoni tal-Kulleġġ tal-Kappillani, qed jiżbaljaw meta jgħammdu lil dawn it-tfal mat-tfal l-oħra waqt il-quddiesa.

Dan joħroġ minn tagħrif li ngħatat *It-Torċa* mill-Kurja tal-Arċisqof. Jidher li hemm direttiva ċara min-naħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani biex tfal li jkunu twieldu minn relazzjoni bejn persuna separata u oħra li mhijiex il-konjuġi tagħha, ikunu mgħammda f'ċerimonja għalihom mingħajr quddiesa.

"Iż-żewġ raġunijiet prinċipali huma li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miżżewġin lil persuni oħra. B'rispett lejn dawn il-persuni u s-sagrament taż-żwieġ li jkun għadu jeżisti, nemmnu lil mhux xieraq li dawn jaraw lil żewġhom jew marthom ma' raġel jew mara oħra fuq l-artal, qisu ma ġara xejn," qal lil din il-gazzetta Charles Buttigieg, uffiċjal għall-komunikazzjoni tal-Kurja, "B'daqshekk m'aħniex nagħtu t-tort ta' dak li ġara fiż-żwieġ lil dawn il-persuni. Fl-istess waqt, dawn il-koppji ma jistgħux jirċievu s-sagrament tat-Tqarbin bħall-koppji l-oħra."

B'referenza għall-punt imqajjem mit-*Torċa* fir-rapport tal-Ħadd, 7 ta' Diċembru, li qed issir diskriminazzjoni ma' dawn it-trabi mit-twelid, il-kelliemi għall-Kurja qal li l-quddiesa ma ssirx għat-tarbija iżda għall-ġenituri. Min-naħa tagħha, it-tarbija tkun qiegħda tirċievi l-magħmudija daqs it-tfal l-oħra.

**Fehma mill-esperjenza**

*It-Torċa* staqsiet lil Fr Colin Apap, li għandu esperjenza wiesgħa ma' persuni bi problemi fiż-żwieġ u separati, dwar jekk iħossx li hu diskriminatorju li jgħammed uħud mit-trabi bil-quddiesa u oħrajn le.

"Din it-tweġiba turi ċar u tond kemm huma bogħod mir-realtà tan-nies dawk li jirraġunaw kif qed jirraġuna dan l-uffiċjal tal-Knisja. Jidher li dawn ma jafux liema skandlu qed iħossu l-parruċċani meta jkunu trattati b'mod diskriminatorju bħalma ddeskriva l-PRO tal-Kurja.

"Ma nemminx li l-kappillani kollha qed jgħidu hekk. U lanqas nemmen li mhemmx kappillani li joġġezzjonaw għal dan il-mod kif tagħmel impossibbli jew mhux prattiku l-quddies tal-Ħadd lil min jinsab f'dawn iċ-ċirkostanzi.

"Tidher li din hija parti mill-mentalità ta' esklużjoni li wħud għandhom. Mentalità ta' qabel il-Konċilju Vatikan II.

"Ara x'ġid spiritwali jista' joħroġ minn dan l-atteġġament meta n-nies qed tagħmilhielhom iktar diffiċli li jieħdu sehem fil-quddiesa obbligatorja tal-Ħadd!

"Ir-raġunijiet li qed tagħti l-Kurja biex tirrifjuta l-quddies tal-Ħadd lill-koppji mhux miżżewġa, jew separati jew divorzjati – għax jista' jkun hemm il-partner ta' qabel li jieħu għalih jew għaliha – hija raġuni bla raġuni. Allura ma tagħmilx quddiesa obbligatorja tal-Ħadd li fiha jattendu l-omm u l-missier tat-tarbija, parrini, aħwa, ħbieb, zijiet, qraba u oħrajn għax FORSI jkun hemm xi "eks" ta' min welled li jieħu jew tieħu għaliha! Bl-istess raġunar, jekk ikun hemm quddiesa wara l-magħmudija u dawn il-ġenituri fil-kuxjenza infurmata u ffurmata tagħhom jagħżlu

quddiem Alla li għandhom jieħdu sehem attiv u sħiħ fil-quddiesa, allura x'tagħmel, tkeċċihom 'il barra biex l-"eks" raġel jew mara ma jeħdux għalihom? X'tagħmel, toħloq skandlu fil-Knisja billi ma tqarbinhomx? X'tagħmel jekk ġenituri bħal dawn ikunu attivi fil-liturġija tal-parroċċa, twarrabhom?

"Dan ir-raġunar juri nuqqas ta' rispett lejn il-kuxjenza adulta tal-Kattoliċi li huma biss jafu kif jinsabu quddiem Alla u liema huma ċ-ċirkostanzi reali tagħhom.

**Weġgħat**

"L-esperjenza tiegħi personali – u naf li mhix tiegħi biss – hija li dawk il-koppji li sabu qassis li verament jemmen fl-inklużjoni, ikunu huma stess li jagħmlu dawk il-passi meħtieġa u possibbli. Meta koppja turtaha proprju f'mument importanti ta' ħajjitha tkun ftaħtilha ġerħa li Alla biss jaf kif tista' tagħlaq.

"X'ġid jista' joħroġ li grupp ta' magħmudijiet li jsiru f'ġurnata partikolari jingħataw it-timbru ta' "dawk tal-poġġuti"? U l-oħrajn li jsiru f'ħin u mod differenti jiġu ttimbrati bħala "dawk tar-regolari"?

"Il-magħmudija hija DRITT ta' kull tarbija li titlob il-magħmudija permezz ta' min hu responsabbli għaliha u lest li jagħti l-garanziji meħtieġa għall-edukazzjoni nisranija tagħha.

"Is-Sur Buttigieg qed jgħid li "din (it-tarbija) tista' tkun aċċettata għall-magħmudija" meta l-ġenituri mhumiex miżżewġa, jew *single mother*. It-tarbija ma tistax tiġi kkastigata minħabba xi irregolarità tal-omm jew tal-ġenituri. It-tarbija mhux "tista' tkun mgħammda" imma għandha d-dritt li tkun mgħammda.

"Il-maġġoranza tal-kappillani jieħdu kull każ għalih u ma jiġġeneralizzawx fuq kulħadd dak li jista' jgħodd għal xi koppja partikolari. Il-ġid tal-erwieħ jitlob li kull persuna tkun rispettata fl-għażliet adulti tagħha u fl-ebda ċirkostanza ma għandha tingħata l-impressjoni ta' esklużjoni, ta' tkeċċija, ta' kastig, ta' impożizzjoni. Iżjed u iżjed jekk min hu involut huwa tarbija li tikber biex jgħidulha li hija mhix bħat-trabi l-oħra għax il-kappillan ittrattaha mod ieħor. It-trabi l-oħra bil-quddiesa imma INTI LE!

"Ma tkunx diskriminazzjoni ma' tifel, ngħidu aħna mgħammed ta' 15-il sena, minħabba bosta raġunijiet, li ma jkollux l-opportunità li jattendi l-obbligu tal-quddies nhar ta' Ħadd mal-ġenituri tiegħu, bl-istorja unika tagħhom ta' falliment fl-ewwel żwieġ, waqt li tifel bħalu mwieled minn ġenituri miżżewġa, ssirilhom quddiesa? Mhix diskriminazzjoni ma' tifel jew tifla din?

**"Aħna" u "huma"**

"Mhux biżżejjed li tarbija tirċievi l-magħmudija bħat-trabi oħra. Dan hu dritt tagħha. Fil-fatt MHUX bħat-trabi l-oħra! Uħud bil-quddiesa u oħrajn le! Imma anki l-MOD kif tirċievi l-magħmudija bħat-trabi l-oħra jagħmel id-differenza kollha. Min għammdulu t-tarbija tiegħu wara l-altar, f'ħin stramb, bil-knisja magħluqa, bil-bibien magħluqa u knisja mdallma, bis-sagristan mgħaġġel biex jeħles, bl-ilma kiesaħ fi fliskatur… Anki tarbija f'dawn iċ-ċirkustanzi tkun irċeviet il-magħmudija. Imma tista' titkellem dwar ugwaljanza, rispett tal-persuna, inklużjoni, Knisja Omm u Bint?

"Nibża' li dan is-sens ta' enfasi fuq "aħna" u "huma" qed jikber fostna. "Aħna" li se nsalvaw, li għandna l-mezzi kollha biex insalvaw ruħna, u "huma" li m'għandhomx. "Aħna" li jistħoqqilna sehem sħiħ fil-ħajja tal-Knisja u "huma" le.

“Din il-mentalità esklussivista twassal biex anki l-kliem tal-konsagrazzjoni ma jibqax iżjed “Ħudu u kulu minn dan: għax dan hu ġismi li jingħata għalikom… Ħudu u ixorbu minnu lkoll… id-demm li jixxerred għalikom U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA…” u minflok jibda jingħad: Kristu li miet fuq is-Salib u ħallielna l-ewkaristija mhux GĦALL-BNEDMIN KOLLHA imma għal “xi wħud”, “bosta”, “għalina” mhux iżjed GĦALL-BNEDMIN KOLLHA, għax il-“bnedmin kollha” huma “huma” mhux “aħna”. Is-salvazzjoni universali ta’ Kristu, b’dan ir-raġunar, issir “għalina” u “għal tagħna”.”

rdebrincat@unionprint.com.mt